28 ta' Marzu, 1949.

**Imhallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Michele Carabott *versus* Caterina Galea

## Ingurja — "Animus Injuriandi" — "Animus Retorquendi".

*Il-kap ta' familja jista' jagħmel kwerela f'ismu dwar ingurja profferita kontra xi membri tal-familja tiegħu, jekk din l-ingurja, għalkemm mhix rivolta lilu, tolqot però anki lilu.*

*Imma meta l-"animus injuriandi" huwa eskluż bl-"animus retorquendi", dik l-esklużjoni tolqot anki lilu, għalkemm huwa ma jkunx ħa parti fl-iskambju ta' l-ingurji. Għax l-"animus retorquendi" jeskludi l-"animus injuriandi", u allura jonqos element essenzjali għall-integrazzjoni ta' l-ingurja.*

Fuq kwerela ta' Carabott, din Galea giet imressqa quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta' Malta biex tirrispondi għal ingurja;

Bis-sentenza tagħha tal-20 ta' Jannar 1949, dik il-Qorti sabitha ħatja u kkundannatha għall-piena ta' l-ammenda ta' 5s. u għall-ħlas ta' l--ispejjeż;

Il-kwerelata appellat;

Il-kwerelanti u martu xehdu fis-sens li, għalkemm it-tgħajjir kien bejn din martu u l-kwerelata, b'botta u risposta, però lilu ntqalet anki l-kelma "ja marid";

Ix-xhud estraneu xehed.............;

Għalhekk fuq il-kelma "marid" hemm dubju;

Issa rriżulta wkoll li fit-tgħajjir tan-nisa bejniethom il-kwerelata qalet lil-l-mart il-kwerelat "għandkom it-tfal morda — mietulkom ix-xebbiet" — kliem riportati wkoll fil-motivazzjoni tas-sentenza;

Dawn il-kliem jolqtu anki l-kwerelant. Miż-żmien id-Dritt Roman gie ammess illi "aut per metipsum fit injuria aut per alias personas"; u l-ieħor "injuria nobis non solum per nos metipsos, sed per eos infertur qui aut potestate aut affectu nobis conjuncti sunt". U hu naturali, kif igħid il-Frola (Delle Ingiurie e Diffamazioni, pag. 285) li "per quella alta tutela che il padre di famiglia incombe sui membri di casa sua, poter egli, vindice dell'onore di questa, portar querela per le ingiurie profferite a danno di un membro di

essa..............." Għalhekk, għalkemm il-kelma "marid", allegata bħala direttament rivolta lill-kwerelant mill-kwerelata, ma tistax titqies, għaliex ma tirriżultax soddisfaċentement, jistgħu però jitqiesu l-kliem l-oħra fuq imsemmija, li għalkemm diretttament rivolti lil mart il-kwerelant, laqtu anki lilu, ankorkè ma kienx hemm;

Però a rigward ta' dawn il-kliem, l-inġurja hi eskluża bl-"animus retorquendi"; għax jirriżulta mill-provi li ż-żewġ nisa weġgħu lil xulxin fuq l-istess suġġett ta' mard. Lanqas jista' jingħad illi din l-eċċezzjoni skriminanti jmissha tkun invokabili mill-kwerelata biss fil-konfront ta' mart il-kwerelant, u mhux anki fil-konfront tal-kwerelant li ma qal xejn; għaliex, jekk il-bażi ta' l-eċċezzjoni fuq imsemmija hija — kif inhi — li min igħid kliem offensiv lil ħadd ieħor, li jkun weġgħu, igħidu mhux biex jinġurja, imma biex jiddefendi lilu nnifsu, allura l-istess hemm l-esklużjoni ta' l-"animus injuriandi", sija fil-konfront ta' mart il-kwerelant kemm fil-konfront tal-kwerelant; jiġifieri dejjem jonqos element indispensabili għall-integrazzjoni ta' l-inġurja;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-kwerelata mhux ħatja, iżda kwantu għall-ispejjeż tordna li kull parti tbati tagħha, tant fl-ewwel kemm f'din l-istanza; onorarju tad-difensuri..................